MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2705/1996/1

**Jason Mizzi**

***Vs***

**Emmanuel u Maria Bonnici**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'sentenza tat-3 ta' Gunju 1996 (Citazz 1824/96FGC) fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuel Bonnici et vs Jason Mizzi" l-attur gie kundannat jizgombra mill-garaxx numru 3, St. Publius Street, Burmarrad fi zmien hmistax mill-istess sentenza;

Premess illi l-attur Jason Mizzi ma giex notifikat validament bl-atti tal-kawza imsemmija u sar jaf biha biss meta gie l-Marixxal tal-Qorti sabiex jezegwixxi mandat ta' zgumbrament;

Premess illi ghalhekk, ghat-tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12, hemm lok li l-kawza tigi ritrattata;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi Jason Mizzi ma giex validament notifikat bl-atti tal-kawza deciza fit-3 ta' Gunju 1996 (Citazz 1824/96 FGC) fl-ismijiet "Emmanuel Bonnici et vs Jason Mizzi";

2. Ghat-tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tirrexxindi s-sentenza tat-3 ta Gunju 1996 fil-kawza (Citazz 1824/96 FGC) fl-ismijiet "Emmanuel Bonnici et vs Jason Mizzi";

3. Tordna ir-ritrattazjoni tal-kawza (Citazz 1824/96 FGC) fl-ismijiet "Emmanuel Bonnici et vs Jason Mizzi";

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minni indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma indondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-attur odjern kien notifikat ai termini ta' l-Artikolu 187(1) tal-Kap 12 fir-residenza tieghu;

2. Illi di piu u bla pregudizzju ghall-premess l-istess attur kien jaf bl-istess kawza tant li informa lid-difensur tieghu sabiex jitlob differiment ghaliex kien indispost, pero` meta imbaghad inghajtet il-kawza baqa' ma deher hadd;

3. Illi di piu u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur abbanduna bonarjament l-istess garage ai termini ta' l-istess sentenza, b'dan ghalhekk li l-mertu huwa illum ezawrit u di piu l-istess attur accetta l-effetti ta' l-istess sentenza u rrinunzja ghall-kwalunkwe effett ta' din il-kawza, b'dan ghalhekk li l-istess attur kellu biss jirtira din il-kawza;

4. Illi di piu, ic-citazzjoni attrici ghaddiet in gudikat u wkoll giet esegwita stante li l-attur m'ghamel ebda azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 823 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi di piu l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 818 (1) (b) tal-Kap 12;

6. Illi di piu ma inghatat ebda garanzija ai termini ta' l-Artikolu 823 (2) (a) u Artikolu 266 (10) tal-Kap 12, u ghalhekk l-istess sentenza ghaddiet in gudikat ai termini ta' para. 4 tal-presenti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-attur ipprezentata fil-25 ta' Settembru 1998 li biha ceda l-meritu tal-kawza pero` irrizerva l-kap ta' l-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din il-kawza ta' ritrattazzjoni hi ta' facile spedizzjoni u setghet ma saret xejn;

Effettivament il-meritu taghha gie cedut b'nota pprezentata fil-25 ta' Settembru 1997 (fol. 17) u

sahansitra l-Avukat li kien jippatrocina lill-attur irrinunzja ghal dan il-patrocinju b'nota tal-20 ta' Mejju 1999 (fol. 23);

Huwa desumibbli minn dak rakkolt mill-atti illi din ir-rinunzja saret jew ghax ma ntlahqetx it-transazzjoni awspikata jew, kif jidher aktar li hu l-kaz, l-attur tilef kull interess fiha tant li ma ressaq l-ebda provi;

Dan huwa forsi spjegabbli wkoll mill-fatt illi kif eccepit u dikjarat mill-konvenuti, l-attur *sua sponte* kien abbanduna l-garage meritu tal-kawza deciza kontrih fit-3 ta' Gunju 1996 u b'hekk, b'dan l-agir tieghu, huwa gie li akkweixxa ruhu ghall-gudikat fil-konfront tieghu;

Gjaladarba l-meritu gie cedut u billi l-attur ma ressaq l-ebda provi in meritu ghal dak minnu allegat dwar nuqqas ta' notifika ta' l-atti tal-kawza deciza huwa gie li ma ssostanzjax il-bazi ta' l-azzjoni tieghu arginata fuq id-dispost tas-subinciz (b) ghall-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12.

Ghal dawn il-motivi;

Filwaqt li tiddikjara li l-meritu jinsab ezawrit in vista tan-nota ta' cessjoni fuq imsemmija, tikkundanna lill-attur ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza u dan stante li, f'kull kaz, naqas li jgib provi biex jissostanzja t-talba tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------